5 ta' Novembru, 1953

Imħallef :—
L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Il-Maestà tar-Reġina *versus* Gaetanu Micallef

**Provi — Ammissibilità ta' Xhieda Wara li jkun Skada t-Terminu — Art. 452 (6) (7) u 473 tal-Kap. 12.**

*L-Attorney General, wara li jkun ippreżenta l-att ta' l-akuża, u wara li fuq in-notifika tal-jum tal-kawża jkun daħħal fir-Reġistru n-nota tax-xhieda tiegħu li ried li jinstemgħu fil-kawża, u li jkun għalaq iż-żmien għall-preżentata ta' dik in-nota, jista', bil-permess speċjali tal-Qorti, jipproduċi xhieda ġodda biex jirrafforzaw xi xhud li jkun ndikat debitament u fit-terminu fl-imsemmija nota ta' xhieda. Dana l-permess speċjali tal-Qorti jingħata purkè x-xhieda ġodda jkunu rilevanti, u l-partijiet fil-ġudizzju ma jkunux isofru preġudizzju bl-ommissjoni ta' dawk ix-xhieda min-nota tax-xhieda preżentata fit-terminu, jew min-nuqqas tal-preżentata tan-nota fiż-żmien li trid il-liġi.*

*Dana l-preġudizzju ma jikkonsistix fl-effikaċja li jista' jkollha l-prova, fuq l-akkuża jew fuq id-difiża, imma fid-diffikultà li tinsab fiha l-parti li kontra tagħha tkun sejra tinġieb dik il-prova ġdida bil-fatt li tkun sejra tiġi prodotta f'daqqa, improvvizament, bla ma jkollha l-opportunità li tikkumbattiha; fl-avverament ta' liema ipotesi, ir-rimedju ma hux l-esklużjoni tal-prova, imma l-akkorda-*

*ment ta' differiment lill-parti li tkun preġudikata ħalli tkun tista' ġġib provi kuntrarji.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors ta' l-Attorey General tat-3 ta' Novembru 1953, u d-digriet tagħha ta' l-istess data;

Rat li r-rikors u d-digriet fuq imsemmija ġew debitament notifikati lill-akkużat;

Ikkunsidrat;

Il-kwistjoni kollha tivverti fuq jekk l-Attorney General, wara li ppreżenta l-att ta' l-akkuża, u wara li fuq in-notifika tal-jum tal-ġudizzju daħħal fir-Reġistru n-nota tax-xhieda tiegħu li ried li jinstemgħu fil-kawża odjerna, u li għalaq dak l-istess żmien kif determinat fl-art. 452(1) ta' l-Istatut Kriminali, peress li ġie jaf b'xhieda ġodda li jirrafforzaw wieħed mix-xhieda ndikati debitament u fit-terminu fin-nota tax-xhieda, huwiex jew le lilu permess li jipproduċihom fil-ġudizzju; għal liema talba ġieb 'il quddiem oppożizzjoni d-difensur ta' l-akkużat;

Ikkunsidrat;

Illi l-każ in kwistjoni indubbjament ma jistax jaqa' taħt l-ipotesi tad-dispożizzjoni 418 tal-Kodiċi Kriminali, l-għaliex mhux wieħed mill-każijiet li għalihom huwa "expressis verbis" applikabili dak l-istess artikolu bħala aġevolazzjoni, voluta mill-leġislatur għall-finijiet ta' l-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja, għall-parti li fil-ġudizzju tkun tirrikjedi l-prova li titnissel mis-smiegħ ta' dawk l-istess xhieda, u fil-każ li jkun għadda ż-żmien imsemmi fl-art. 452(1) għall-ammissibilità tal-produzzjoni tat-test jew miktub ta' dik l-istess dispożizzjoni, soġġetta dina l-ammissibilità għall-fehma tar-rilevanza mill-parti tal-Qorti; liema prova miktuba li trid tiġi moqrija hija kunsidrata bħala eċċezzjoni għall-prinċipju li t-testimonji għandhom jinstemgħu "viva voce", kanonizzat mill-art. 612 ta' l-istess Kodiċi;

Lanqas, fil-ħsieb u l-fehma ta' dina l-Qorti, ma jista' jittieħed argument analoġiku mis-subartikolu 4 fil-parti konklużjonali ta' l-art. 418, il-għaliex l-ewwelnett, f'materja kriminali, l-argumenti analoġiċi mhux l-awtoritajiet kollha jammettuhom, u, meta jiġu ammessi, intqal li jridu jiġu wżati b'parsimonja kbira; u apparti dawn il-prinċipji tal-prattika

forensi, il-parti konklużjonali tas-subinċiż ta' l-artikolu fuq imsemmi tagħmel biss menzjoni ta' l-ammissjoni "mhux tax-xhud, imma tad-depożizzjoni miktuba" ta' waħda mill-persuni f'dak l-artikolu msemmija, li preżuntivament ma jkunux jistgħu aktar jidhru personalment fil-kors tal-ġudizzju minħabba wieħed mill-impedimenti hemm menzjonati;

Ikkunsidrat;

Illi l-każ pjuttost jaqa' taħt l-art. 452(6) kombinat mas-subinċiż (7) ta' l-istess artikolu u ma' l-art. 473 tal-Kodiċi fuq imsemmi; minn fejn jidher li, anki fil-waqt tal-jew matul il-kawża, taħt ċerti kondizzjonijiet, jistgħu jinġiebu provi (ara Qorti Kriminali "*Regina vs. Francesco Bovin*", *13 ta' Novembru* 1879 — Volum Digrieti tas-sena 1879, paġni 611—613). Huwa minnu li fis-subsezzjoni 5 ta' l-art. 452 il-leġislatur ipoġġi l-prinċipju ta' l-inammissibilità tax-xhieda li ma jkunux indikati fin-nota mitluba mill-art. 452(1), mingħajr permess speċjali tal-Qorti; imma immedjatament fl-inċiżi 6 u 7 ta' l-istess artikolu dik *ir-regola hija temperata taħt ċerti kondizzjonijiet*. Fis-subsezzjoni 7 il-kondizzjoni mposta hija dik tan-neċessità u l-utilità għall-eżami ta' xhud, u għall-viżjoni u eżami ta' dokument jew oġġett eżibit, li l-Qorti "ex officio" tista' tordna rispettivament li jisseijaħ (xhud) jew li jinġieb (dokument jew oġġett); mentri l-kondizzjonijiet ta' l-inċiż 6 huma li l-prova *(1) tkun rilevanti, u (2) li l-partijiet fil-ġudizzju ma jkunux* ġew preġudikati bl-ommissjoni tagħha minn nota tax-xhieda preżentata in termine jew minn nuqqas tal-preżentata tan-nota fiż-żmien li trid il-liġi. M'hemmx bżonn jingħad li l-preġudizzju msemmi fuq mil-leġislatur ma jikkonsistix fl-effikaċja li jista' jkollha l-prova, skond il-każ, fuq l-akkuża jew id-difiża, *imma fid-diffikultà li tinsab fiha l-parti li kontra* tagħha tkun sejra tinġieb dik il-prova ġdida bil-fatt li tkun sejra tiġi prodotta f'daqqa, improvviżament, bla ma jkollha l-opportunità li tikkumbattiha (ara "Regina vs. Vella", 26 ta' Novembru 1898, Vol. XVI, P. IV, paġ. 51, u "Rex vs. Vincenzo Bonnici", 24 ta' Ottubru 1916, Volum Digrieti ta' *l-1916). Fl-avverament ta' tiema ipotesi, ir-rimedju ma huwiex* l-esklużjoni tal-prova, imma l-akkordament ta' differiment lill-parti li tkun preġudikata ħalli tkun tista' ġġib provi kuntrarji.

Illi, kwindi, jekk ix-xhieda l-ġodda proposti barra mit-termnu mill-Attorney General huma rilevanti, ikunu, bil-permess speċjali tal-Qorti, salv li ma jkunux fis-sens li ntqal ta' preġudizzju lid-difiża, jistgħu jiġu ammessi skond il-liġi;

Illi r-rilevanza ta' xhud timmiżura ruħha mill-materja in kontroversja. Dina l-Qorti, fuq l-iskorta ta' dana l-prinċipju, ma tistax ma tirrikonoxxix, taħt iċ-ċirkustanzi tal-każ, ir-rilevanza, anzi wkoll l-utilità tax-xhieda li jipproponi li jġib l-Attorney General; il-għaliex, għalkemm, biex isseħħ il-prova tal-fatt li l-akkużat kien viċin il-post u fl-għalqa fejn qabdu n-nar il-prodotti tad-danneġġjat, u li anzi kien hemm ħdejn l-għalqa danneġġjata, waqt l-inċendju, diġà hemm prova li titnissel minn xhud, salva l-kredibilibità tiegħu, imħollija lill-ġurija fil-ġudizzju tal-meritu, ikun indubbjament tajjeb, għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja, li dik l-istess prova tiġi rafforzata permezz ta' testimoni oħra okulari;

Illi, in konsegwenza, il-prova proposta hija rilevanti;

Dwar jekk l-akkużat huwiex sejjer isofri preġudizzju fis-sens li fuq ġie spjegat, jingħad li l-proċedura tat-talba għall-ammissjoni tax-xhieda ġiet debitament notifikata lill-akkużat, b'mod li l-istess talba ma tistax taqa' fuqu bħala sorpriża jew bħala fatt improvviż u serotinu. Del resto, il-fatt li sejjer jiġi pruvat mix-xhieda ġodda huwa msemmi minn wieħed mit-testimoni li ġew regolarment indikati oriġinarjament fin-nota tax-xhieda, u li nstemgħu fl-istadju istruttorju. Ebda motiv ma nġieb ta' natura oħra kontra l-produzzjoni tax-xhieda, li għalih jista' jingħad li huwa suġġeribili r-rimedju tad-differiment kontra dak ta' l-ispeditezza tal-ġudizzji kriminali. Barra minn dan, mill-verbal tal-lum id-difensur jaqbel li bil-provi ġodda t-teżi tal-Prosekuzzjoni sejra tibqa' fejn hi;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' t-talba ta' l-Attorney General, u takkordalu l-permess speċjali li jġib ix-xhieda mitluba, wara li tiddikjarahom, taħt iċ-ċirkustanzi tal-kawża attwali, utili u rilevanti;

U b'hekk tponi fini għall-inċident.